# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 3 ta' Ottubru 2023**

**Kawza Numru: 2**
**Rikors Guramentat Numru:- 577/2016JVC**

Emanuela Schembri ID 260164(M), Gemma Mercieca ID 39559(M), Maria Dolores Attard (ID 296652(M), Philip Mifsud ID 174556(M), Joseph Mifsud ID 376457(M) u Agnes Zammit ID 391654(M)

vs

Michael Mifsud, ID 0443331(M) u b'digriet tas-6 ta' Marzu 2018 l-atti gew trasfuzi f'isem Charles Mifsud bhala l-uniku werriet tal-mejjet Michael Mifsud li miet fil-mori tal-kawzi

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Emanuela Schembri et talbu kif isegwi:

**'Il-Fatti:**

1. Illi l-esponenti huma sitta minn disa ulied tal-intimat u d-defunta Maria Assunta Mifsud.

2. Illi l-imsemmija Maria Assunta Mifsud mietet nhar l-20 ta' Marzu 2016.

3. Illi l-imsemmija Maria Assunta Mifsud mietet b'testment unica charta li ghamlet mal-intimat, u liema testment huwa datat 23 ta' Lulju 2014, in atti tan-Nutar Dr. Mario Bugeja.

4. Illi in forza ta' l-imsemmi testement d-defunta Maria Assunta Mifsud istitwiet l-uniku eredi universali taghha lill-intimat zewgha w dana bis-sostituzzjoni ta' zewg uliedha minn disa, u cioe' Angelo sive Gulinu Mifsud u Charles Mifsud f' [sehem indaqs bejniethom, f'kaz ta' premorianza.

5. Illi d-defunta Maria Assunta Mifsud in forza tar-raba artikolu ta' l-ahhar testment taghha halliet b'titolu ta' legat l-fond 34, Triq Ebona, Zebbug Malta, afavur uliedha Charles, Angelo sive Gulinu, Joseph, Lilian, Gemma, Philip u Dolor ahwa Mifsud bis-sostituzzjoni volgari a favur ta' uliedhom f'kaz ta' promorianza filwaqt illi lil esponenti Agnes Zammit eskludietha minn kollox.

6. Illi l-esponenti jixtiequ li jircievu l-porzjon riservata skond il-ligi u dana wara li ssir r-reintegrazzjoni fitizzja tal-assi

patrimonjali kollha appartenenti lid-defunta ommhom Maria Assunta Mifsud.

7. Ir-rikorrenti Emanuela Schembri tiddikjara illi hija taf b'dawn il-fatti personalment.

**Ir-Raguni tat-talba:**

8. Illi l-intimat gie interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u l-hlas tal-porzjoni riservata spettanti lil esponenti mill-assi patrimonjali tad-defunta Maria Assunta Mifsud, izda baqa nadempjenti.

**It-Talbiet:**

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex din l-onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti ghandhom id-dritt li jircievu l-porzjon riservata skond il-ligi mill-assi patrimonjali tad-defunta ommhom Maria Assunta Mifsud u pagabbli mill-intimat.

2. Tillikwida l-porzjoni riservata skond il-ligi dovuta lill-esponenti, previa okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex jhallas lill-esponenti l-porzjoni riservata hekk likwidata flimkien mal-imghax legali dekorribbli skond il-ligi sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali datata 11 ta' Lulju 2016 kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.'.

**Rat ir-risposta ta' l-intimat Michael Mifsud li taqra kif isegwi:**

1. 'Illi fl-ewwel lok l-ecceppjenti ghadu ma ddecidiex jekk jaccettax l-eredita ta' martu jew le.

2. Illi din il-kawza saret intempestivament stante illi l-atturi kienu pronti jagixxu kontra missierhom wara biss erba' xhur, meta dan sahansitra l-anqas ghadu ghamel id-denunzja tas-successjoni u wisq anqas irregola l-posizzjoni tieghu vis-a-vis l-eredita'.

3. Illi qabel tissokta din il-kawza l-atturi jridu jgibu l-prova illi qabel din il-kawza huma intavolaw nota ta' rinunzja ta' l-eredita' fil-Qorti ta' gurisdizzjoni voluntarja kif tassattivament titlob il-ligi.

3. Illi l-esponenti ma jaqblux mal-premessa immarkata numru hamsa (5) stante illi dak il-legat kellu biss jidhol fis-sehh f'kaz illi l-ecceppjenti jigi nieqes qabel martu.

4. Illi finalment u bla pregudizzju ghas-suespost l-eccepjenti qatt ma kellu xi oggezzjoni li wliedu jiehdu dak li jmisshom skond il-ligi u kienet ir-rejazzjoni pjuttost ghaggelija taghhom illi impediet illi jsir dan il-process. Fil-fatt l-esponenti jirrileva illi ghalkemm skond il-gurisprudenza u ligi l-legittmarju ma ghandux ibghati spejjes, f'dan il-kaz huma ghandhom ibghatu almenu parti minn l-ispejjes jekk mhux kollha talli ma taw opportunita illi l-kwistjoni tissolva bonorjament u jithallsu bonarjament.

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost fil-komputazzjoni tal-legittima ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni id-debiti ta' l-eredita fosthom d-debita ghal servigi rezi lid-decius.

6. Illi din ir-risposta qed issir u qed tigi kkonfermata bil-gurament minn Michael Mifsud li ghandu konoxxenza vera u propja tal-fatti in kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.'.

Rat l-affidavits, xhieda, certifikati tal-mewt, estratt minn testment, testment, ricerki pubblici, ricerki testamentarji pubblici u sigrieti, statements bankarji, cedola ta' depositu, kuntratti, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi fil-verbal tat-8 ta' Novembru, 2017 il-Qorti talbet lill-intimat jinformha jekk irrinunzjax formalment ghal wirt u jesebixxi d-dokumenti relattivi f'terminu mpost fuqhu u rat in-nota intavolata mill-intimat fid-29 ta' Novembru, 2016 (fol. 19) fejn permezz taghha l-intimat iddikjara li huwa accetta l-eredita' ta' martu Maria Assunta Mifsud;

Rat illi fil-verbal tal-1 ta' Frar, 2018 Dr Victor Bugeja talab li din il-kawza timxi kontestwalment mal-kawza numru 503/2017 u l-Qorti laqghet it-talba billi l-mertu huwa konness;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar it-23 ta' Frar, 2018 fejn talbu li l-Qorti tawtorizza l-legittimazzjoni tal-atti w it-trasfuzzjoni tal-gudizzju f'isem Charles Mifsud bhala l-uniku werriet l-mejjet Michael Mifsud, u rat id-digriet tas-6 ta' Marzu, 2018 fejn laqghet it-talba kif dedotta;

Rat illi fil-verbal tad-19 ta' April, 2018 id-difensuri tal-partijiet talbu li din il-kawza timxi kontestwalment mal-kawzi bir-rikors numru 503/2017 u 175/2018 bil-provi li jingabru jghoddu ghat-tliet kawzi;
Rat ir-rikors tar-rikorrenti ntavolat nhar is-27 ta' Novembru, 2018 (fol. 285) fejn permezz tieghu talbu sabiex il-Qorti joghgobha tahtar Perit Tekniku sabiex jevalwa l-proprjeta' mmobbiljari kollha tad-defunti Maria Assunta u Michael konjugi Mifsud u dan ghal fini tal-likwidazzjoni tal-porzjoni riservat fiz-zewg kawzi hawn fuq imsemmija u li qeghdin jinstemghu kontestwalment flimkien, u rat illi fil-verbal tal-4 ta' Dicembru, 2018 gie nominat il-Perit Tekniku Godwin P. Abela;

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' Dicembru, 2018 Dr Victor Bugeja ghamel referenza ghar-rikors ipprezentat fl-atti ta' din il-kawza fis-27 ta' Novembru 2018, li hija miexja ma' tlett (3) kawzi ohra cit nru: 503/2017, 175/2018 u mal-485/2018 u billi l-kawza msemmija jitrattaw l-istess wirt, Dr Victor Bugeja talab li l-istimi mitluba jservu wkoll ghall-kawzi l-ohra;

Rat in-nota ntavolata mir-rikorrenti fit-18 ta' Dicembru, 2018 (fol. 296) fejn indikaw il-proprjetajiet kollha mmobbli tal-genituri taghhom soggetti ghall-porzjoni riservat;

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' Frar, 2020 rega' gie dikjarat li din il-kawza qed tinstema' kontestwalment mal-kawzi 485/2018, 503/2017 u 175/2018;

Rat illi fil-verbal tal-4 ta' Frar, 2020 u b'referenza ghar-rikors datat 18 ta' Novembru, 2019 fl-atti tar-rikors guramentat numru 485/2018 Dr Andrew Sciortino ghall-konvenut fil-kawzi kollha ddikjara li m'ghandux oggezzjoni suggett li l-apertura ssir fil-

presenza tal-partijiet u li l-oggetti ma jinhargux mill-bank, u rat li l-Qorti f'dan l-istadju laqghet it-talba kontenuta fir-rikors u ghal dan il-ghan innominat lil Michael Mizzi sabiex iwettaq l-access u jaghmel inventarju flimkien ma' valutazzjoni tal-oggetti li jinsabu fl-istess deposit box;
Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Godwin P. Abela ntavolat nhar il-25 ta' Gunju, 2019 u mahluf nhar l-4 ta' Frar, 2020 a fol. 362 et seq tal-process;

Rat id-domandi in eskussjoni tal-intimat Carmelo sive Charles Mifsud intavolati nhar il-25 ta' Frar, 2020 a fol. 387 et seq tal-process u rat ir-risposti ghad-domandi in eskussjoni ntavolati nhar l-4 ta' Marzu, 2020 a fol. 390 et seq tal-process;

Rat illi l-Qorti fil-verbal tat-22 ta' Ottubru, 2020 b'referenza ghad-digriet taghha dwar in-nomina ta' David Borg – konslu tal-Monte di Pieta' ordnat notifika tad-digriet datat 25 ta' Gunju, 2020 lill-istess David Borg fl-indirizz Monte di Pieta', Triq Merkanti, Valletta a spejjez tar-rikorrenti fil-kawza odjerna;

Rat illi fil-verbal tat-28 ta' Jannar, 2021 Dr Sciortino nforma lil Qorti li fir-rigward tan-nomina ta' David Borg sabiex jivvaluta d-deheb huwa jinsab infurmat li mhux f'posizzjoni li jaccetta l-inkarigu in vista tal-impjieg tieghu mal-gvern u rat li l-Qorti nnominat f'dan l-istadju lil Michael Mizzi (Gold Market) sabiex jivvaluta l-oggetti li hemm fid-deposit boxes tal-Bank of Valletta, Rahal Gdid u dan bi qbil tal-partijiet prezenti;

Rat ir-rapport tal-Espert Tekniku Michael Mizzi pprezentat nhar is-16 ta' April, 2021 u mahluf fl-14 ta' Lulju, 2021 a fol. 411 et seq tal-process;

Rat illi fil-verbal datat 10 ta' Novembru, 2022 il-kawza giet differita ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jaghtu sottomissjonijiet bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u l-processi annessi.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Fatti fil-qosor:</u>**

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti:

1. Illi r-rikorrenti huma uhud minn ulied il-mejtin Michael Mifsud u Maria Assunta Mifsud xebba Scerri. Michael Mifsud gie nieqes fis-17 ta' Ottubru, 2017 (ara certifikat tal-mewt a fol. 7 tal-kawza bir-rikors guramentat numru: 175/2018JVC), filwaqt li martu Maria Assunta Mifsud nee' Scerri giet nieqsa fl-20 ta' Marzu, 2016 (ara certifikat tal-mewt a fol. 4 tal-process odjern).

Permezz tal-kawza odjerna, r-rikorrenti qeghdin jitolbu li jinghataw il-porzjon riservat dovut lilhom mill-eredita' ta' ommhom il-mejta Maria Assunta Mifsud.

2. Illi mir-ricerki testamentarji pubblici u sigrieti (ara ricerki testamentarji pubblici u sigrieti a fol. 12 et seq tal-process bir-rikors guramentat numru: 503/2017JVC) jirrizulta li l-mejta Maria Assunta Mifsud irregolat il-wirt u successjoni taghha b'testment *unica charta* li ghamlet flimkien ma' zewgha datat 23 ta' Lulju, 2014 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja (ara estratt mit-testment a fol. 5 et seq tal-process odjern).

Illi bl-imsemmi testment il-mejta Maria Assunta Mifsud fl-ewwel artikolu rrevokat, annullat u hassret kwalunkwe testment minnha maghmul. Filwaqt li fit-tieni artikolu istitwiet u nnominat bhala eredi universali, proprjetarju u padrun assolut ta' gidha kollu ghal wara mewtha lil zewgha Michael Mifsud, bis-sostituzzjoni volgari a favur uliedha Charles u Angelo sive Gulinu, ahwa Mifsud, indaqs bejniethom, f'kaz ta' premorjenza.

Il-mejta Maria Assunta Mifsud fir-raba' artikolu iddisponiet ukoll illi fl-eventwalita' ta' premorjenza ta' zewgha l-gid taghha ghandu jghaddi b'titolu ta' legat in assoluta proprjeta' lil binha Charles il-hanut bl-isem ta' 'Coronation' bin-numru 99, 100 u 102 fi Triq il-Kbira, Zebbug. Halliet b'titolu ta' legat lil Nathaniel, Miriah, Janica u Christa ahwa Mifsud ulied binha Charles il-kamra bin-numru 6, Triq tad-Dawl, Zebbug, Malta mill-ghatba l-gewwa. Finalment halliet ukoll b'titolu ta' legat lil Charles, Angelo sive Gulinu, Joseph, Lilian, Gemma, Philip, u Dolor ahwa Mifsud il-fond numru 8 fi Triq tad-Dawl, Zebbug bis-sostituzzjoni volgari a favur uliedha f'kaz ta' premorjenza. Dan l-artikolu ma dahalx in vigore billi hija mietet qabel zewgha.

Imbaghad fil-hames artikolu halliet ukoll lil binha Angelo sive Gulinu l-uzufrutt fuq il-fond 42 fi Triq Ebola, Zebbug u l-assoluta proprjeta' tal-kamra 14 fi Triq tad-Dawl, Zebbug.

3. Ir-rikorrenti pprocedew bil-kawza odjerna ftit xhur wara l-mewt ta' ommhom fejn talbu li jigi dikjarat u deciz li ghandhom dritt li jircievu l-porzjoni riservata skont il-ligi mill-assi patrimonjali tad-defunta ommhom Maria Assunta Mifsud u pagabbli mill-intimat. Talbu wkoll li l-Qorti tillikwida l-porzjoni riservata skont il-ligi dovuta lilhom okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi. Finalment

talbu li l-Qorti tikkundanna lill-intimat sabiex ihallashom l-porzjoni riservata hekk likwidata flimkien mal-imghax legali dekorribbli skond il-ligi sal-pagament effettiv.

4. Illi l-intimat il-mejjet Michael Mifsud, fejn illum dahal floku ibnu Carmelo sive Charles Mifsud fil-vesti ta' eredi uniku tieghu, eccepixxa li fl-ewwel lok huwa ghadu ma ddecidiex jaccettax l-eredita' ta' martu jew le. Eccepixxa wkoll li din il-kawza saret intempestivament stante li r-rikorrenti kienu pronti jagixxu kontra missierhom wara biss erba' xhur il-mewt t'ommhom meta dan kien lanqas ghamel id-denunzja u wisq anqas irregola l-posizzjoni tieghu vis-à-vis l-eredita'. L-intimat eccepixxa li r-rikorrenti jridu jgibu l-prova li qabel din il-kawza huma intavolaw nota ta' rinunzja ta' l-eredita' fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja kif tassattivament titlob il-ligi. L-intimat sostna li huwa ma jaqbilx mal-premessa mmarkata bin-numru hamsa (5) stante li dak il-legat kellu biss jidhol fis-sehh f'kaz li huwa jigi nieqes qabel martu. Bhala l-hames (5) eccezzjoni eccepixxa wkoll bla pregudizzju ghal eccezzjonijiet precedenti li huwa qatt ma kellu oggezzjoni li wliedu jiehdu dak li jmisshom skont il-ligi u kienet ir-reazzjoni ghaggelija taghhom li mpediet li jsir dak il-process. Insista li ghalkemm skont il-gurisprudenza u l-ligi l-legittimarju m'ghandux ibghati spejjez, f'dan il-kaz huma ghandhom ibghatu almenu parti mill-ispejjez jekk mhux kollha talli ma tawx opportunita' li l-kwistjoni tissolva bonarjament u jithallsu bonarjament. Finalment eccepixxa li fil-komputazzjoni tal-legittima ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni d-debiti ta' l-eredita' fosthom id-debita ghal servigi rezi lid-decius.

**<u>L-ewwel eccezzjoni – l-intimat accettax l-eredita' ta' martu jew le</u>:**

Illi bhala l-ewwel eccezzjoni tieghu l-intimat Avukat tal-Istat eccepixxa li huwa ghadu ma ddecidiex jekk jaccettax l-eredita' ta' martu jew le.

Illi l-Qorti tinnota li permezz ta' nota ntavolata nhar id-29 ta' Novembru, 2016 (fol. 19) l-intimat iddikjara li huwa accetta l-eredita' ta' martu Maria Assunta Mifsud. Ghaldaqstant in vista tad-dikjarazzjoni tal-intimat din l-eccezzjoni llum hija sorvolata.

**It-tielet eccezzjoni – ir-rikorrenti pprezentawx nota ta' rinunzja tal-eredita' fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja:**

Illi bhala t-tielet eccezzjoni l-intimat eccepixxa li r-rikorrenti jridu jgibu prova li qabel din il-kawza huma ntavolaw nota ta' rinunzja ta' l-eredita' fil-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja kif tassattivament titlob il-ligi.

Illi l-Qorti regghet rat it-testment tal-omm kif hawn fuq deskritt u in vista' tad-disposizzjonijiet kif kontenuti fit-testment imsemmi jirrizulta li r-rikorrenti odjerni fl-ebda parti mill-istess testment ma gew istitwiti eredi tal-omm mqar ta' xi porzjon zghira. La darba r-rikorrenti qatt ma gew istitwiti eredi allura ma kien hemm ebda wirt li kellhom jirrinunzjaw minnu fit-termini tal-artikoli 860 et seq. tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-eccezzjoni ghalhekk jirrizulta li mihiex gustifikata.

**Likwidazzjoni tal-assi ereditarji ta' Maria Assunta Mifsud u hlas tas-sehem riservat lir-rikorrenti Emanuela Schembri et:**

Illi kif sottomess aktar 'il fuq Maria Assunta Mifsud giet nieqsa fl-20 ta' Marzu, 2016 u ghalhekk japplikaw ghall-kawza odjerna l-Artikoli 615 *et seq* tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendati bl-Att XVIII.2004 u bl-Att XV.2012.

Illi d-dritt tas-sehem riservat huwa dak il-jedd fuq il-beni tal-mejjet riservat mill-ligi favur id-dixxendenti tad-decuius. L-Artikoli 615 u 616 tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaqraw kif isegwi:

'615 (1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.

(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:

Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu, tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139.

616. (1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma indaqs bejn it-tfal li jmisshom minnu.

(3) Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija.'.

Illi dwar ir-rijunjoni fittizja tal-assi ereditarji sabiex jigi rikostruwit il-patrimonju kollu tad-decuius Maria Assunta Mifsud il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Joseph Portelli et -vs- Rita Portelli et** deciza fil-15 ta' April, 2004 fejn inghad illi:

'Wieħed irid jirriporta ruhu għall-valur fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni.

(a) Fl-ewwel lok għandhom jinġabru l-beni kollha fiż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni (relictum) u jingħata l-valur tagħhom fiż-żmien tal-apertura tas-suċċessjoni;

(b) Minn dan l-ammont għandu jinqata' d-dejn;

(c) Mal-bilanċ li jibqa' għandu jiżdied il-valur tal-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni. Fl-artikolu 648(b) tal-Kodiċi Ċivili jingħad li din il-proprjetà "shall be fictitiously added" meħud in kunsiderazzjoni tal-valur tal-proprjetà fi żmien tal-apertura tas-suċċessjoni iżda fil-kundizzjoni li kienet meta ingħatat id-donazzjoni[1].

B'hekk inkunu nistgħu nsiru nafu jekk dak li ddispona minnu d-decujus (kemm matul ħajtu u wkoll permezz ta' dispożizzjonijiet testamentarji) jaqbiżx is-sehem li minnu seta' jiddisponi.'.

**<u>Assi ereditarji tal-mejta Maria Assunta Mifsud:</u>**

---

[1] Wiehed izda ghandu jzomm f'mohhu l-emendi kwotati aktar il-fuq li jvarjaw din il-konkluzjoni tal-Qorti fejn fil-kaz odjern ghandu jittiehed in konsiderazzjoni l-valur ta' meta saret id-donazzjoni.

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li l-assi ereditarji ta' Maria Assunta Mifsud mad-data tal-mewt taghha kienu jikkonsistu fis-segwenti:

**<u>Immobbli li jirrizultaw mill-atti:</u>**

1. Nofs indiviz (1/2) tad-dar bin-numru 42 fi Triq Ebola, Haz-Zebbug (ara kuntratt t'akwist a fol. 344 et seq tal-process). Dan in-nofs indiviz (1/2) gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€117,500**.

2. Nofs indiviz (1/2) tad-dar bin-numru 34 fi Triq Ebola, Haz-Zebbug li huwa wkoll accessibbli minn bieb bin-numru 8 fi Triq id-Dawl, Haz-Zebbug, Malta (ara kuntratt ta' *datio in solutum* a fol. 350 et seq tal-process). Dan in-nofs indiviz (1/2) gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€355,000**.

3. Nofs indiviz (1/2) tal-Flat 5, Block 7 f'Murex Court, fi Triq l-Ghanejja Qajjenza, Birzebbuga (ara kuntratt t'akwist a fol. 336 et seq tal-process). Dan in-nofs indiviz gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€40,500**.

4. Nofs indiviz (1/2) tal-Flat 6, Block 7 f'Murex Court fi Triq l-Ghanejja Qajjenza, Birzebbuga (ara kuntratt t'akwist a fol. 336 et seq tal-process). Jigi nutat li fir-rapport tal-Perit Arkitett in-numru ta' dan l-appartament gie ndikat bin-numru 7. Dan in-nofs indiviz gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€46,500**.

5. Nofs indiviz (1/2) tad-dar bin-numru 86 fi Triq Ninu Cremona, Rahal Gdid (ara kuntratt ta' donazzjoni a fol. 348 et seq tal-

process). Dan in-nofs indiviz (1/2) gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€50,000**.

6. Nofs indiviz (1/2) tal-hanut bin-numru 99, Coronation Bar fi Triq il-Kbira, Haz-Zebbug u tad-dar bin-numru 100 fi Triq il-Kbira, Haz-Zebbug accessibli ukoll mill-hanut bin-numru 99 (ara kuntratt ta' *datio in solutum* a fol. 350 et seq tal-process). Dan in-nofs indiviz (1/2) gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€237,500**.

7. Nofs indiviz (1/2) tad-dar bin-numru 24 fi Triq il-Kappillan Guzepp Hili, Fontana, Ghawdex (ara kuntratt t'akwist a fol. 352 et seq tal-process). Dan in-nofs indiviz (1/2) gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fis-sena 2016 fl-ammont ta' **€60,000**.

8. Nofs indiviz (1/2) tad-dar bin-numru 4 fi Triq Vassalli, Sqaq 2, Haz-Zebbug (ara kuntratt ta' *datio in solutum* a fol. 350 et seq tal-process). Dan in-nofs indiviz (1/2) gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€31,000**.

9. Nofs indiviz (1/2) tad-dar bin-numru 102 fi Triq il-Kbira, Haz-Zebbug (ara kuntratt ta' *datio in solutum* a fol. 350 et seq tal-process). Dan in-nofs indiviz (1/2) gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€40,000**.

10. Nofs indiviz (1/2) tal-kamra bin-numru 14 fi Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug (ara kuntratt t'akwist a fol. 340 et seq tal-process). Dan in-nofs indiviz (1/2) gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€8,000**.

11. Nofs indiviz (1/2) tal-kamra bl-arja taghha bin-numru 6 fi Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug. Dan in-nofs indiviz (1/2) gie stmat mill-Perit Arkitett Godwin P. Abela nominat mill-Qorti fl-ammont ta' **€20,000**.

    <u>Total ta' €1,006.000.</u>

Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrenti jilmentaw dwar il-valuri tal-immobbli skonthom dikjarati baxxi mill-Perit Tekniku Godwin P. Abela. Sabiex isahhu l-argument taghhom, ir-rikorrenti fl-atti ressqu numru ta' avvizi minn fuq siti fejn uhud mill-immobbli mertu tal-kawza odjerna kienu qeghdin jigu reklamati b'valuri ferm ghola minn dawk stabbiliti mill-Perit Tekniku Abela. Huwa fatt maghruf li hemm tendenza li fir-reklamar ta' proprjeta' l-prezzijiet jigu xi ftit jew wisq mghollija dan bi hsieb sabiex meta jsir in-negozjar tal-prezz tal-proprjeta' ma' prospettiv xerrej, il-bejjiegh jkollu fejn ibaxxi xi ftit il-prezz tal-proprjeta'. Pero' dan ma jfissirx li l-proprjeta' effettivament ser tinbiegh b'dak il-prezz. Dan premess, il-Qorti tirrileva li r-rikorrenti kellhom il-possibilita' li juzufruwixxu mill-hatra ta' periti perizjuri opzjoni li r-rikorrenti m'ghamlux fuq ghazla libera taghhom. Ghaldaqstant ma jistghux jigu issa fin-nota ta' sottomissjonijiet jilmentaw mill-valur tal-immobbli.

<u>**Flus il-bank li jirrizultaw mill-istatements ipprezentati minn Joanna Bartolo rapprezentanta tal-Bank of Valletta plc fis-seduta tal-11 ta' Marzu, 2019 (esebiti a fol. 242 et seq tal-process), kif ukoll mic-cedola ta' depositu (esebita a fol. 325 tal-process):**</u>

1. Jirrizulta li fit-3 ta' Awwissu, 2016 giet ipprezentata cedola ta' depositu mill-Bank of Valletta plc wara mandat ta' Sekwestru bin-numru 1058/2016 mahrug mill-Qorti fil-15 ta' Lulju, 2016

(ara cedola a fol. 325 tal-process) minn fejn jirrizulta li l-ammont iddepositat taht l-awtorita' tal-Qorti hu fl-ammont ta' €135,945.66. Nofs indiviz (1/2) ta' dan l-ammont huwa €67,972.83.

2. Jirrizulta wkoll mid-deposizzjoni moghtija minn Joanna Bartolo – rapprezentanta tal-Bank of Valletta plc illi l-kont bankarju bin-numru 40010146037 fl-ismijiet Mikiel u Maria Assunta Mifsud ghadu miftuh u fis-sena April 2016 il-bilanc fih kien fl-ammont ta' €600.77. Nofs indiviz (1/2) ta' dan l-ammont huwa €300.39.

   <u>Total ta' €68,273.22.</u>

**<u>Deheb:</u>**

Mill-atti jirrizulta wkoll partikolarment mix-xhieda ta' Joanna Bartolo – rapprezentanta tal-Bank of Valletta plc (fol. 301) illi l-mejtin Mikiel u Maria Assunta Mifsud kellhom zewg *deposit boxes* fil-fergha tal-Bank of Valletta plc ta' Rahal Gdid li fihom kien hemm iddepositati d-deheb kollu taghhom. Id-*deposit boxes* kellhom in-numri 13597 u 13623.

Fil-mori tal-kawza gie nominat Espert Tekniku Michael Mizzi li pprezenta r-relazzjoni tieghu nhar is-16 ta' April, 2021 a fol. 406 et seq tal-process. Minn tali relazzjoni rrizulta li l-ammont totali ta' deheb li kienu jipposjedu l-konjugi Mifsud kien fl-ammont ta' €38,469.70. Nofs indiviz (1/2) ta' dan l-ammont huwa dak ta' €19,234.85.

Illi l-Qorti tinnota li r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom indikaw bhala valur l-ammont ta' €38,469.70 u mhux in-

nofs indiviz (1/2) fl-ammont ta' €19,234.85. Mill-atti ma jirrizultax li d-deheb kien proprjeta' parafernali ta' Maria Assunta Mifsud u gjaladarba fiz-zwieg tal-konjugi Mifsud kienet applikabbli l-komunjoni tal-akkwisti, sehem il-mejta Maria Assunta Mifsud kien dak ta' nofs indiviz u mhux is-sehem shih. Ghaldaqstant il-Qorti fil-komputazzjoni tas-sehem riservat tar-rikorrenti fuq il-beni tal-mejta ommhom Maria Assunta Mifsud ser tiehu l-kwota ta' nofs indiviz (1/2) tad-deheb.

In aggunta, l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jargumenta li l-valur li nghata lid-deheb huwa dak prezenti u mhux dak fid-data tal-ftuh tas-successjoni. Minn harsa lejn ir-rapport tal-Espert Tekniku Michael Mizzi (fol. 406) jirrizulta li huwa minnu li l-prezz moghti huwa dak tal-gurnata. Infatti huwa ndika '*Illi l-valur gie stabbilit bir-rata' ta' tnejn u tletin Euro (€32.00) kull grama u cioe' il-prezz tal-gurnata.*'.

Il-Qorti izda tirrileva li l-intimat naqas milli jressaq prova ohra fl-atti sabiex jikkontradixxi dan il-valur jew b'xi mod jghin lil din il-Qorti sabiex tasal ghall-valur tad-deheb fis-sena 2016. Il-Qorti ghalhekk ma ghandhiex triq ohra hlief li timxi mal-valur kif dikjarat fir-rapport tal-espert.

**Donazzjonijiet:**

Illi fil-massa ereditarja ghandhom ukoll jigu integrati zewg donazzjonijiet li gew moghtija mill-mejta Mikiel u martu Maria Assunta Mifsud lil intimat Carmelo sive Charles Mifsud u Angelo sive Gulinu Mifsud permezz ta' kuntratt tal-20 ta' April, 2008 fl-atti tan-Nutar Mark Anthony Sammut (ara nota ta' insinwa a fol. 53 tal-process). Din id-donazzjoni kienet ta' zewg garaxxijiet bin-numri 2 u 3 fi Triq tad-Dawl, Sqaq 1, Haz-Zebbug.

Illi bejn il-partijiet hemm qbil dwar l-integrazzjoni tal-garaxxijiet sabiex jiffurmaw parti mill-massa ereditarja. Madanakollu m'hemmx qbil dwar il-valur li ghandu jittiehed ta' dawn il-garaxxijiet. Filwaqt li r-rikorrenti jiehdu l-valur stabbilit mill-Perit Tekniku Godwin P. Abela (ara rapport a fol. 363 et seq tal-process) l-intimat jinsisti li l-valur ghandu jkun ta' dakinhar li saret id-donazzjoni. Sabiex isahhah l-argument tieghu l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet jaghmel referenza kemm ghal Artikolu 648(b) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Mario Calleja et -vs- Saviour Grima** deciza fit-28 ta' Jannar, 2016. Il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-intimat u cioe' li l-valur ghandu jkun ta' dakinhar li saret id-donazzjoni u ghalhekk il-valur li sejjer jittiehed kont tieghu huwa dak ta' €6,988 kull garaxx bit-total ikun dak ta' €13,976.

Dipiu' l-intimat jinsisti wkoll li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li d-donazzjoni kienet tan-nuda proprjeta'. Il-Qorti tirrileva li la darba ser tiehu l-ammont iddikjarat fil-kuntratt tad-donazzjoni tal-20 ta' April, 2008 (fol. 53) effettivament dak huwa l-valur tan-nuda proprjeta'. Ghalhekk il-Qorti mhux ser tiehu kont aktar ta' dan l-argument.

Dan ifisser li l-ammont li ghandu jigi mizjud huwa dak tan-nofs indiviz (1/2) li jammonta ghas-somma ta' €6,988.

**<u>Spejjez u djun li ghandhom jigu mnaqqsa fit-termini tal-ligi:</u>**

Illi bejn il-partijiet m'hemmx qbil dwar l-ispejjez u djun li ghandhom jigu mnaqqsa. Id-djun li l-intimat jittenta jnaqqas huma:

i. Kont tal-Melita plc fl-ammont ta' €229.88;
ii. Kontijiet tad-dawl u ilma;
iii. Kont tal-funeral fl-ammont ta' 2,724.34;
iv. Dejn mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fl-ammont ta' €26,049.94.

Il-Qorti rat li r-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom jargumentaw li l-intimat falla li jipprova li dan id-dejn kien gravanti l-eredita' tad-defunta Maria Assunta Mifsud:

i. Fir-rigward tal-kontijiet tal-Melita plc u ARMS Ltd, sostnew li ma jirrizultax min kienu l-persuni li kkunsmaw tali servizzi u utilitajiet u jirrizulta biss li dawk is-servizzi kienu iskritti favur proprjetajiet li kienu jappartjenu lid-defunti ġenituri tal-partijiet. Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tar-rikorrenti li l-intimat kellu jipprova min ghamel uzu mis-servizzi. Gialadarba fl-atti tressqet il-prova li l-kontijiet huma fuq isem wiehed mill-mejta Michael Mifsud jew Maria Assunta Mifsud huwa sufficjenti bhala prova tad-djun. Dan ghaliex fl-ahhar mill-ahhar huma l-persuni li fuqhom huwa iskritt is-servizz li jridu jaghmlu tajjeb ghalih. Ghalhekk fir-rigward l-avviz tal-hlas tal-kont tal-Melita plc li kopja tieghu tinsab a fol. 306 tal-process bir-Rikors Guramentat numru 503/2017JVC fl-ismijiet Rita Muscat -vs- Michael Mifsud, il-Qorti tqis li nofs (1/2) l-ammont hemm indikat ghandu jittiehed kont tieghu meta nigu ghal komputazzjoni. Dan l-ammont huwa dak ta' €114.94.

ii. Dwar il-kontijiet tad-dawl u ilma l-Qorti tqis li l-istess argument fil-paragrafu precedenti jghodd ukoll fil-kaz tal-kontijiet tal-ARMS Ltd. Il-Qorti tqis ukoll li d-dejn li ghandu jigi mnaqqas huwa dak fid-data tal-mewt ta' Maria Assunta Mifsud u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina wiehed wiehed il-kontijiet flimkien mar-

rendikont spezzettat tul is-sninipprezentati fl-atti minn Reuben Bonnici – rapprezentant ARMS li xehed fis-seduta tas-6 ta' Mejju, 2022 (a fol. 204 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru 503/2017JVC fl-ismijiet Rita Muscat -vs- Michael Mifsud). L-ammont li ser jigi ndikat huwa n-nofs (1/2) billi d-dejn, l-istess bhal kwalunwe haga ohra fejn hemm il-komunjoni tal-akwisti huwa dovut nofs kull konjugi.

a. Kont 102, Triq il-Kbira, Haz-Zebbug - €657.92;
b. Kont 42, Triq Ebola, Haz-Zebbug - €287.61;
c. Kont 24, Triq il-Kappillan Guzeppi Hili, Fontana, Ghawdex - €579.68;
d. Kont 86, Triq Ninu Cremona, Paola - €494.67;
e. Kont 4, Triq Vassalli Sqaq numru 2, Haz-Zebbug - €0.

Illi dwar il-kontijiet li huma f'isem Giorgia Mifsud tal-fond 8 fi Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug, u Victoria Psaila tal-fond Coronation Bar, Triq il-Kbira, Haz-Zebbug il-Qorti mhix ser tinkludihom bhala dejn stante li fid-data tal-apertura tas-successjoni tal-omm il-meters kienu jsejjhu terzi u mhux id-decuius u dan anke kif ikkonfermat minn Reuben Bonnici fid-xhieda tieghu fis-seduta tas-27 ta' Gunju, 2022 (fol. 308 tal-process bir-Rikors Guramentat numru 503/2017 fl-ismijiet Rita Muscat -vs- Michael Mifsud).

Ghalhekk it-total ta' dejn relatat mal-ARMS Ltd huwa dak ta' €2019.88.

iii. Dwar il-kont tal-funeral li gie esebit a fol. 303 et seq tal-process bir-Rikors Guramentat numru 503/2007 fl-ismijiet Rita Muscat -vs- Michael Mifsud il-Qorti tirrileva li dan huwa l-kont tal-funeral tal-mejjet Michael Mifsud u mhux ta' Maria Assunta Mifsud.

Ghaldaqstant il-Qorti m'hijiex ser tnaqqas dan l-ammont f'din il-kawza.

iv. Dwar il-kont pendenti li hemm mad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fl-ammont ta' €26,049.94 ir-rikorrenti jargumentaw illi l-Qorti m'ghandiex tiehu kont tieghu billi tali dejn ghadu ma thallasx mill-intimat biex b'hekk ghadu dejn ipotetiku u jista jkun ma jigi qatt imhallas. Isostnu li fil-prezent ghad hemm lok li tali pretensjonijiet tad-Dipartiment tigi missielta u tibqa' mhux imhallsa, sija jekk ghal raguni ta' preskrizzjoni, raguni ta' kwantifikazzjoni jew kwalsiasi raguni ohra.

Illi fl-atti xehed Ivan Cilia – principal fid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali fejn fix-xhieda tieghu moghtija fis-seduta tal-4 ta' April, 2022 a fol. 198 tal-kawza bir-Rikors Guramentat numru 503/2017 fl-ismijiet Rita Muscat -vs- Michael Mifsud stqarr illi Michael Mifsud kellu *overpayment* mid-dipartiment fl-ammont ta' €28,053.37 billi meta kien applika ghal ghajnuna tal-mard ma kienx gharraf lid-dipartiment li kellu proprjetajiet ohra u artijiet ohra u ghalhekk l-ammont indikat kellu jigi rifuz lura. Ix-xhud jghid li sakemm gie nieqes is-Sur Mifsud hallas l-ammont ta' €2003.43 billi kienu gew imnaqqsa mill-pensjoni tieghu.

Illi fil-fehma tal-Qorti la darba l-ammont kien gia beda jigi rifuz mill-mejjet Michael Mifsud dan jevidenzja li mad-data tal-mewt tieghu allura dan kien jikkonsisti f'dejn dovut mid-decuius. Ukoll fl-atti l-intimat esebixxa wkoll diversi ittri nkluz ittra legali li permezz taghha gie  nterpellat sabiex ihallas il-bilanc rimanenti. Ghaldaqstant il-Qorti ser tikkunsidra nofs (1/2) dan l-ammont bhala dejn dovut li huwa fl-ammont ta' €13,024.97.

**<u>Legati:</u>**

Illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom r-rikorrenti trattaw fit-tul il-kwistjoni jekk ghandhomx jitnaqqsu jew le l-legati mhollija lil Angelo sive Gulinu Mifsud minn ommu l-mejta Maria Assunta Mifsud a tenur tar-Raba' Artikolu tat-testment taghha u li kienu jikkonsistu fl-uzufrutt tal-fond bin-numru 42 fi Triq Ebola, Haz-Zebbug u l-kamra bin-numru 14 fi Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug.

Illi l-intimat Carmelo sive Charles Mifsud fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu ddikjara li fir-rigward dawn iz-zewg proprjetajiet huwa qieghed jikkunsidrhom bhala *relictum* xorta wahda minkejja li l-mejta ommu halliet l-uzufrutt fuq l-fond 42 fi Triq Ebola, Haz-Zebbug u sehemha fi proprjeta' mill-fond bin-numru 14 fi Triq tad-Dawl, Haz-Zebbug. Jghid ukoll li skont kif tghallem il-gurisprudenza, f'kaz li legat m'huwiex rimuneratorju, ma jitqiex bhala dejn u jizdied mal-kumplament tal-assi ghall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem rizervat.

Gialadarba li rrizulta li l-intimat m'huwiex joggezzjona li dawn iz-zewg fondi jitqiesu bhala *relictum* mal-immobbli l-ohra, l-Qorti m'hijiex ser tinoltra oltre.

**<u>Debiti dovuti ghas-servigi:</u>**

Illi l-intimat Charles Mifsud fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jitratta dwar id-debiti dovuti ghas-servigi rezi minnu lill-mejta ommu Maria Assunta Mifsud. Il-Qorti tirrileva izda li meta giet intavolata l-eccezzjoni kien il-missier li ressaq din l-eccezzjoni b'dana li allura l-allegazzjoni kienet li l-missier Michael Mifsud irrenda servigi lill-omm u mhux l-eredi tal-missier illum Charles Mifsud.

Illi l-Qorti m'hijiex ser ittawwal fuq din il-kwistjoni relatata mas-servigi allegatament rezi minn Charles Mifsud lid-decuius Maria Assunta Mifsud. Din it-talba kellha tigi maghmula permezz ta' rikors appositu mill-intimat odjern. Dwar l-allegati servigi rezi mill-missier intimat originali Michael Mifsud ma tressqux provi sodisfacenti f'dan ir-rigward filwaqt li l-Qorti ghandha dubji serji kemm tali pretensjoni l-missier seta' legalment jressaqha unikament per via ta' eccezzjoni. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad il-hames eccezzjoni safejn titratta l-allegati servigi.

**Kalkolazzjoni u hlas tal-porzjon riservat:**

| | |
|---|---|
| 1. Immobbli - | €1,006,000 + |
| 2. Flus il-bank - | €68,273.22 |
| 3. Deheb - | €19,234.85 |
| Total - | €1,093,508.07 |

| | |
|---|---|
| Valur totali - | €1,093,508.07 – |
| Dejn - | €15,159.79 |
| | €1,078,348.28 |

| | |
|---|---|
| Valur totali - | €1,078,348.28 + |
| Donazzjoni - | €6,988 |
| | €1,085,336.28 |

**Sehem kull rikorrenti bhala porzjon riservat (1/18) - €60,296.46**

**Imghax u spejjez:**

Illi l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu jinsisti li l-Qorti ghandha tapplika d-diskrezzjoni taghha taht il-proviso tal-

Artikolu 615(2). Isostni li l-proceduri gew intavolati fis-sena 2016 u l-provi tar-rikorrenti gew maghluqa f'Novembru, 2021 u ghalhekk certament ma jistax jinghad li kien hemm xi dilungar zejjed da parti tieghu. Sahaq ukoll li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni li wara li gew istitwiti dawn il-proceduri gew imposti ir-restrizzjonijiet relatati mal-Covid 19 li wkoll taw lok ghal dewmien u ghal dan m'ghandux ibghati hu.

Illi l-Qorti tinnota li Maria Assunta Mifsud giet nieqsa nhar l-20 ta' Marzu, 2016 u l-kawza odjerna giet intavolata nhar il-15 ta' Lulju, 2016. Fl-atti ma giet iprezentata l-ebda korrispondenza jew komunikazzjoni li ghaddew bejn il-partijiet bejn il-perijodu tal-mewt ta' Maria Assunta Mifsud u l-intavolar tal-kawza odjerna. Fil-ligi m'hemmx indikat il-perijodu meta persuna tista tipprocedi bl-intavolar ta' kawza ghal porzjoni riservat filwaqt li l-Artikolu 615 sub-artikolu (2) tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk l-imghax ma jintalabx fi zmien sentejn mid-data tal-ftuh tas-successjoni dan jkun dovut mid-data tan-notifika ta' att gudizzjarju. Dan ifisser li anke li kieku l-kawza giet intavolata sena u sitt xhur wara l-ftuh tas-successjoni, l-imghax kien jigi dovut minn dakinhar tal-ftuh tas-successjoni. Ghalhekk l-argument tal-intimat huwa minn dan il-lat zbaljat. Madanakollu l-Qorti tinnota li huwa minnu li r-rikorrenti pprocedew bil-kawza f'qasir zmien b'tali mod li ma tantx inghata l-opportunita' li jkun hemm possibilita' ta' transazzjoni. Il-Qorti tinnota wkoll li kien hemm perijodu fejn il-Qrati kienu maghluqa billi ma kinux qeghdin isiru seduti minhabba l-Covid 19. Ghaldaqstant mehuda kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti tqis li huwa gust u ekwu li filwaqt li l-imghax ghandu jibda jiddekorri minn dakinhar tal-ftuh tas-successjoni dan ghandu jiddekorri bir-rata ta' 6% u mhux bir-rata ta' 8% sad-data tad-decizjoni konsegwentement

mid-decizjoni ghandu japplika imghax ta' 8% sad-data tal-pagament effettiv.

Fir-rigward l-ispejjez il-Qorti tqis li l-intimat ghandu jkun hu li jbati l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna salv ghall-ispejjez tal-Perit Tekniku Godwin Abela li ghandhom jigu sopportati nofs mill-intimat u n-nofs l-iehor ugwalment bejn il-parti fil-kawza odjerna u r-rikorrenti fil-kawza 503/2017.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' w'tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tiddikjara l-ewwel eccezzjoni bhala sorvolata;

2. Tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-intimat safejn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti ghandhom dritt li jircievu l-porzjoni riservata skont il-ligi mill-assi patrimonjali tad-defunta ommhom Maria Assunta Mifsud u pagabbli mill-intimat Carmelo sive Charles Mifsud;

4. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-porzjoni riservata skont il-ligi dovuta lir-rikorrenti fl-ammont ta' sittin elf mitejn sitta u disghin Ewro u sitta u erbghin centezmu (€60,296.46) kull wiehed u wahda minnhom;

5. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrenti l-porzjoni riservata hekk likwidata flimkien mal-imghax legali bir-rata' ta' 6% dekorribbli mill-ftuh tas-

successjoni sad-data ta' din id-decizjoni u bl-imghax tat-8% mid-decizjoni sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha kif mitluba kontra l-intimat, salv ghall-ispejjez tal-Perit Tekniku Godwin Abela li ghandhom jigu sopportati nofs mill-intimat u n-nofs l-iehor ugwalment bejn ir-rikorrenti fil-kawza odjerna u r-rikorrenti fil-kawza 503/2017.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**3 ta' Ottubru, 2023**

**Cora Catania**
**Deputat Registratur**
**3 ta' Ottubru, 2023**